SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Settembru 2008 *

Fil-Kawża C-228/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-9 ta' Mejju 2007, fil-proċedura

Jörn Petersen

vs

Landesgeschäftsstelle des Arbeitsmarktservice Niederösterreich,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, U. Lõhmus, J. N. Cunha Rodrigues, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, imħallfin;

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' April 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Petersen, minn U. Seamus Hiob, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl u M. Winkler, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. Rodríguez Cárcamo, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn W. Ferrante, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Kreuschitz u G. Braun, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4(1) u 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità (ĠU L 149, p. 2), fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU 1997, L 28, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71"), kif ukoll dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawza bejn J. Petersen u l- Landesgeschäftsstelle des Arbeitsmarktservice Niederösterreich (Aġenzija reġjonali tal-Uffiċċju tax-Xogħol u tal-Impjieg tal-Awstrija ta' Isfel, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju tal-impjieg") dwar iċ-ċaħda li jitkompla li jingħatatalu, wara t-trasferiment tar-residenza tiegħu fil-Ġermanja, ħlas bil-quddiem lill-persuni bla xogħol li jkunu talbu, skont l-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni jew kontra l-inċidenti, benefiċċju ta' assigurazzjoni għal tnaqqis fil-kapaċità għax-xogħol jew invalidità.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jiddisponi:

"1. Dan ir-Regolament jkun japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-friegħi segwenti tas-sigurtà soċjali:

[…]

b) il-benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk intenzjonati għall-manteniment u l-miljorament tal-kapaċità tal-qliegħ;

[…]

g) benefiċċji tal-qgħad;

[…]".

4 Skont id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) ta' dan ir-regolament:

"Barra fejn hu pprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament il-benefiċċji għall-invalidità, għax-xjuħija u għall-ħlas tassuperstiti, il-pensjoni għall-inċidenti fuq ix-xogħol jew għall-mard u l-mewt okkupazzjonali akkwistati taħt il-leġislazzjoni ta' wieħed jew iktar Stati Membri ma jkunu suġġetti għall-ebda tnaqqis, modifika, sospensjoni, tneħħija jew konfiska minħabba l-fatt li r-reċipjent jabita fit-territorju ta' Stat membru għajr dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas."

5 L-Artikolu 69(1) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"Persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li hija impjegata kompletament u li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru għall-intitolar tal-benefiċċji u li tmur f'wieħed jew f'iktar Stati Membri [oħra] biex tfittex impjieg hemm iżżomm l-intitolar għal tali benefiċċji taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin u fil-limiti segwenti:

a) Qabel it-tluq tagħha, din trid tkun ireġistrata bħala persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol u li tkun baqgħet għad-dispożizzjoni tas-servizzi ta' l-impjiegi ta' l-Istat kompetenti għal ta' l-inqas erba' ġimgħat wara li tkun spiċċat bla xogħol, madanakollu, is-servizzi kompetenti jew l-istituzzjonijiet jistgħu jawtorizzaw it-tluq tagħha qabel ma jkun għalaq tali żmien;

b) Trid tirreġistra bħala persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol mas-servizzi ta' l-impjiegi ta' kull Stat Membru li fih tmur u tkun suġġetta għall-proċeduri ta' komtroll organizzati hemmhekk. Din il-kondizzjoni titqies bħala sodisfatta għall-perjodu ta' qabel ir-reġistrazzjoni kemm-il darba l-persuna kkonċernata tkun irreġistrat fi żmien sebat ijiem mid-data li spiċċat tkun disponibbli għas-servizzi ta' l-impjiegi ta' l-Istat li tkun ħalliet. F'każijiet eċċezzjonali, dan il-perjodu jista' jkun estiż misservizzi kompetenti jew istituzzjonijiet;

ċ) L-intitolar għall-benefiċċji jkompli għall-perjodu massimu ta' tliet xhur mid-data minn meta l-persuna kkonċernata tieqaf tkun disponibbli għas-servizzi ta' l-impjiegi ta' l-Istat li ħelliet, basta li l-perjodu tal-benefiċċji ma jeċċedix dak tal-benefiċċji li kienet intitolata għalihom taħt il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat. Fil-każ ta' ħaddiem staġġjonali tali perjodu, barra minn hekk, ikun limitat għall-perjodu li jifdal sa tmiem l-istaġun li għalih kien imqabbad biex jaħdem."

6 L-Artikolu 71 tal-istess regolament jirregola min għandu jirċievi l-benefiċċji ta' persuni qegħda li, matul l-aħħar impjieg tagħhom, kienu jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru għajr l-Istat kompetenti.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 L-Artikolu 7 tal-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-qgħad tal-1977 (Arbeitslosenversicherungsgesetz 1977, BGBl. Nru 609/1977, fil-verżjoni applikabbli tal-BGBl. I, 71/2003, iktar 'il quddiem l-"AlVG"), intitolat "Benefiċċji tal-qgħad — Kundizzjonijiet ta' għoti tad-dritt għall-benefiċċji" jiddisponi:

"1. Għandu dritt għall-benefiċċji tal-qgħad kull min

1) iżomm ruħu disponibbli għall-servizzi tax-xogħol,

2) jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' perijodu ta' eliġibbiltà, u

3) ikun għadu ma qabiżx il-perijodu massimu għall-għoti tal-benefiċċju.

2. Persuna hija disponibbli għas-servizzi tax-xogħol meta hija kapaċi u għandha d-dritt li jkollha impjieg (subparagrafu 3), u hija idonea għax-xogħol (Artikolu 8), għandha r-rieda li taħdem (Artikolu 9) u fil-preżent tinsab qegħda (Artikolu 12).

[…]

4. Il-persuni bla xogħol li jkunu bbenefikaw minn miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid, li jkunu laħqu l-għan ta' dawn il-miżuri [Artikolu 300(1) u (3) (tal-kodiċi tas-sigurtà soċjali, Allgemeines Sozialversicherungsgesetz, iktar 'il quddiem l-"ASVG")] u li jkunu kkompletaw il-perijodu ta' eliġibbiltà meħtieġ skont din il-miżura, huma eżentati mill-kundizzjoni rigward l-idoneità.

[…]"

8 Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tal-AlVG, intitolat "Sospensjoni tal-benefiċċju tal-qgħad":

"1. Id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad jiġi sospiż matul

[…]

g) ir-residenza barra mill-pajjiż, sa fejn is-subparagrafu 3 jew id-dispożizzjonijiet ibbażati fuq konvenzjonijiet internazzjonali mhumiex applikabbli;

[…].

3. Fuq talba tal-persuna qiegħda, is-sospensjoni tal-benefiċċju tal-qgħad skont is-subparagrafu 1(g) titneħħa, fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, u dan wara li jinstema' l-kunsill reġjonali, għal perijodu ta' mhux iktar minn tliet xhur matul il-perijodu ta' intitolament għall-benefiċċji (Artikolu 18). Ċirkustanzi eċċezzjonali huma dawk intiżi sabiex iġibu fi tmiem il-perijodu tal-qgħad, b'mod partikolari meta l-persuna qiegħda toħroġ barra mill-pajjiż bil-għan li tfittex impjieg hemmhekk jew sabiex tippreżenta ruħha quddiem persuna li tħaddem jew sabiex tmur għal taħriġ hemmhekk, jew ċirkustanzi dovuti għal raġunijiet relatati mal-familja.

[…]"

9 L-Artikolu 23 tal-AlVG, intitolat "Ħlas bil-quddiem lil persuni bla xogħol li japplikaw għalih", huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-persuni qiegħda li jkunu talbu l-għoti:

1) ta' benefiċċju għal tnaqqis fil-kapaċità għax-xogħol jew invalidità jew benefiċċju provviżorju skont l-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni jew tal-assigurazzjoni kontra l-inċidenti, jew

2) ta' benefiċċju, kemm taħt l-assigurazzjoni għall-anzjanità tal-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni soċjali, jiġifieri taħt il-kodiċi tas-sigurtà soċjali, kemm taħt l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-kummerċjanti jew tal-bdiewa, kif ukoll pensjoni speċjali skont il-liġi tax-xogħol bil-lejl,

jistgħu jibbenefikaw min benefiċċju tal-qgħad jew għajnuna ta' urġenza fil-forma ta' ħlas bil-quddiem, sakemm tingħata deċiżjoni dwar it-talba tagħhom għal dawn il-benefiċċji.

2. Għall-għoti ta' ħlas bil-quddiem fuq il-benefiċċju tal-qgħad jew l-għajnuna ta' urġenza, huwa meħtieġ li

1) minbarra l-kundizzjonijiet ta' kapaċità għax-xogħol, ta' rieda għax-xogħol u ta' disponibbiltà […], jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħrajn għall-għoti tad-dritt għal dawn il-benefiċċji,

2) fid-dawl taċ-ċirkustanzi eżistenti, l-għoti tal-benefiċċji taħt l-assigurazzjoni soċjali jidher probabbli, u

3) fil-każ tal-punt 2 tas-subparagrafu 1, l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni għall-pensjoni tkun ħarġet ċertifikat fejn tgħid li huwa probabbli li mhux ser ikun possibbli li tittieħed deċiżjoni definittiva dwar il-benefiċċju fi żmien xahrejn mid-data li fih iqum id-dritt għall-pensjoni.

3. Hemm ukoll lok li jiġi aċċettata s-sitwazzjoni ta' qgħad, fil-każ ta' applikazzjoni skont is-subparagrafu 1(1), meta jkun għad hemm relazzjoni ta' impjieg li għadha teżisti li ma tagħtix lok għal ebda għoti ta' kumpens u li d-dritt għall-benfiċċji f'dan il-każ ta' assigurazzjoni tal-mard ikun ġie eżawrit.

4. Il-ħlas bil-quddiem jingħata f'ammont daqs il-benefiċċju tal-qgħad (jew l-għajnuna ta' urġenza) dovut skont is-subparagrafu 1(1) jew (2), sa ammont massimu li jammonta għal wieħed minn kull tletin parti [1/30] tal-ammont medju tal-benefiċċji, inkluż il-benefiċċju għat-tfal. Sa fejn l-agenżija reġjonali tal-Uffiċċju tal-Impjieg tiġi informata, b'nota bil-mitkub mill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali, li l-benefiċċju previst ser ikun iktar baxx, il-ħlas bil-quddiem imħallas għandu jiġi mnaqqas proporzjonalment. Fil-każ previst fis-subparagrafu 1(2), il-ħlas bil-quddiem jingħata b'mod retroattiv mill-ġurnata li fiha jqum id-dritt għall-pensjoni, sakemm il-persuna interessata tkun għamlet it-talba tagħha fi żmien erbatax-il jum wara l-istabbiliment taċ-ċertifikat imsemmi fis-subparagrafu 2(3).

5. Jekk aġenzija reġjonali tkun għamlet ħlas bil-quddiem skont is-subparagrafu 1, jew benefiċċju tal-qgħad jew għajnuna ta' urġenza, id-dritt tal-persuna qiegħda għal benefiċċju skont is-subparagrafu 1(1) jew (2), jiġi ttrasferit għall-istess perijodu lill-Istat federali, għall-finijiet tal-amministrazzjoni tal-politika tas-suq tal-impjieg, għall-ammont tal-benefiċċju mogħti mill-uffiċju reġjonali, bl-eċċezzjoni tal-benefiċċji fi flus taħt l-assigurazzjoni kontra l-mard, taħt il-kundizzjoni li l-aġenzija reġjonali titlob l-approvazzjoni tat-trasferiment tal-imsemmi dritt mingħand l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni soċjali (trasferiment *ipso jure*). Dan it-trasferiment tad-dritt għall-benefiċċju jkun effettiv sal-ammonti li jibqgħu dovuti u għandu jingħata prijorità.

6. Il-benefiċċji fi flus tal-assigurazzjoni kontra l-mard li jkunu tħallsu mill-fondi tal-assigurazzjoni tal-qgħad [Artikolu 42(3)] għall-perijodu previst fis-subparagrafu 5 għandhom jitħallsu lura mill-istituzzjonijiet tal-iskema legali tal-assigurazzjoni kontra l-mard permezz tal-assoċjazzjoni ċentrali tal-istituzzjonijiet Awstrijaċi tal-assigurazzjoni soċjali, skont il-perċentwali stabbilit fl-Artikolu 73(2) tal-ASVG, applikat għall-ammonti li jkunu ġew imħallsa lura mill-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-pensjoni skont is-subparagrafu 5.

7. Jekk tiġi rrifjutata pensjoni skont is-subparagrafu 1, il-ħlas bil-quddiem, għall-perijodu u l-ammont mogħti, għandu jitqies bħala benefiċċju tal-qgħad jew għajnuna ta' urġenza, u għaldaqstant ebda ħlas ta' eventwali differenza ma jsir *a posteriori*, u l-perijodu ta' ħlas jitnaqqas skont l-Artikolu 18."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 J. Petersen, ċittadin Ġermaniż, jaħdem bħala impjegat fl-Awstrija. Fl-14 ta' April 2000, huwa ppreżenta quddiem il-korp tal-assigurazzjoni għall-pensjoni Awstrijak applikazzjoni għall-pensjoni tal-invalidità skont l-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni. Peress li din li ġiet miċħuda, ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni.

11 Waqt dan il-proċediment ġudizzjarju, l-Arbeitsmarktservice ta ħlas bil-quddiem lil J. Petersen skont l-Artikolu 23 tal-AlVG. J. Petersen li, f'dak iż-żmien, kien għadu jirrisjedi fl-Awstrija u kien bi ħsiebu jittrasferixxi d-domiċilju tiegħu fil-Ġermanja, talab lill-Arbeitsmarktservice sabiex dan il-benefiċċju jitkompla jingħatalu wara dan it-trasferiment.

12 Fit-28 ta' Ottubru 2003, l-Arbeitsmarktservice ċaħad din it-talba. J. Petersen ressaq rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof.

13 Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tosserva li n-natura esportabbli tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali tiddependi mill-klassifikazzjoni tiegħu ta' "benefiċċju tal-qgħad" jew ta' "benefiċċju ta' l-invalidità" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71, peress li l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament jipprevedi l-esportabbilità tat-tieni, waqt li l-Artikolu 69 ta' dan l-istess regolament jirrestrinġi lil tal-ewwel għal każ partikolari li mhuwiex rilevanti għall-każ fil-kawża prinċipali.

14 Issa, skont din il-qorti, il-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali għandu elementi minn kull waħda minn dawn iż-żewġ benefiċċji. Fil-fatt, minn naħa, huwa jingħata minn fondi tal-assigurazzjoni tal-qgħad u huwa jassumi li l-applikant m'għandux impjieg u jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ta' tul fl-assigurazzjoni tal-qgħad. Minn naħa l-oħra, dan il-benefiċċju jaqa' taħt il-benefiċċji

tal-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni jew kontra l-inċidenti u li l-għoti tiegħu mhuwiex suġġett għall-kundizzjoni li l-applikant ikun idoneu għax-xogħol, huwa disponibbli u għandu r-rieda li jaħdem. Dawn l-aħħar żewġ elementi jirrendu lill-kawża prinċipali differenti mill-kawża li tat lok għas-sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993, Acciardi (C-66/92, Ġabra p. I-4567), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li benefiċċju għall-persuni qegħda li għandhom inkapaċità għal xogħol parzjali li jieħdu post il-benefiċċju tal-qgħad jikkostitwixxi "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament Nru 1408/71.

15 Skont il-qorti tar-rinviju, jekk il-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, allura tqum il-kwistjoni dwar jekk is-sospensjoni tad-dritt għal benefiċċji fil-każ ta' residenza barra mill-pajjiż hijiex kompatibbli mal-Artikolu 39 KE, u li, peress li, bil-kontra tal-każ imsemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 1408/71, l-ebda stħarriġ mill-Arbeitsmarktservice dwar ir-rieda tal-persuna li taħdem ma huwa neċessarju, kemm fl-Awstrija kif ukoll f'xi Stat Membru ieħor.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari li ġejjin:

"1) Benefiċċju fi flus bħala assigurazzjoni għall-qgħad, mogħti lill-persuni qiegħda li jkunu talbu li jingħataw benefiċċju ta' assigurazzjoni għal kapaċità għax-xogħol imnaqqsa jew għal inkapaċità għax-xogħol taħt l-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni tal-irtirar jew għal inċidenti, sakemm tingħata d-deċiżjoni fuq it-talba tagħhom, li tħallas bil-quddiem u sussegwentement jiġi paċut ma' dan il-benefiċċju, li sabiex jingħata jeħtieġ li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li l-persuna hija qiegħda u li tkun ikkompletat perijodu minimu ta' eliġibbiltà, iżda mhux il-kundizzjonijiet l-oħra li normalment huma wkoll meħtieġa sabiex jinkiseb il-benefiċċju tal-qgħad — kapaċità għax-xogħol, disponibbiltà għax-xogħol u rieda tal-persuna li taħdem —, u li, barra minn dan, jingħata biss jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, ikun probabbli li jkunu ser jingħataw benefiċċji taħt l-iskema legali ta' assigurazzjoni għall-pensjoni tal-irtirar jew għal inċidenti, huwa 'benefiċċju tal-qgħad' fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-[Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71] jew 'benefiċċju ta' l-invalidità' fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-Regolament?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fis-sens li l-benefiċċju in kwistjoni huwa 'benefiċċju tal-qgħad' fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71:

L-Artikolu 39 KE jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprovdi li d-dritt għal dan il-benefiċċju jiġi sospiż meta l-persuna tgħix barra l-pajjiż (fi Stat Membru ieħor), ħlief fil-każ ta' deroga ta' mhux iktar minn tliet xhur, li tingħata biss fuq talba tal-persuna qiegħda, meta l-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

17 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tiddetermina n-natura ta' benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija ssaqsi, fis-sustanza, jekk dan il-benefiċċju jistax jitqies li huwa "benefiċċju ta' l-invalidità" fis-sens tal-Artikolu 4 (1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 jew bħala "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g).

18 Għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 4(1)(b) u (g) tar-Regolament Nru 1408/71, dan ir-regolament japplika għal-leġiżlazzjonijiet dwar il-friegħi tas-sigurtà soċjali li jikkonċernaw, rispettivament, il-benefiċċji għall-invalidità, fosthom inklużi dawk iddestinati sabiex tinżamm u tiġi mtejba l-kapaċità ta' qligħ, u l-benefiċċji tal-qgħad.

19 Skont ġurisprudenza kostanti, benefiċċju jista' jitqies li huwa benefiċċju tas-sigurtà soċjali fil-każ fejn huwa konċess lill-benefiċjarji indipendentement minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni legalment definita, u fejn huwa relatat ma' wieħed mir-riskji espressament elenkati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Hosse, C-286/03, Ġabra p. I-1771, punt 37, u tat-18 ta' Diċembru 2007, Habelt *et,* C-396/05, C-419/05 u C-450/05, Ġabra p. I-11895, punt 63).

20 F'din il-kawża mhuwiex ikkontestat li dan huwa l-każ tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba li l-għoti tiegħu jiddependi mill-kriterji oġġettivi ddefiniti legalment fl-Artikolu 23 tal-AlVG, peress li l-awtoritajiet kompetenti għandhom biss is-setgħa ta' evalwazzjoni individwali tal-bżonnijiet tal-applikant, u li dan il-benefiċċju huwa ddestinat li jkopri, skont il-każ, ir-riskju ta' invalidità jew dak tal-qgħad, li jissemmew fl-Artikolu 4(1)(b) u (g) tar-Regolament Nru 1408/71.

21 Rigward il-klassifikazzjoni preċiża tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li benefiċċji ta' sigurtà soċjali għandhom jiġu kkunsidrati, indipendentement mill-karatteristiċi speċifiċi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti, bħala li jkunu tal-istess natura meta l-għan u l-iskop tagħhom, kif ukoll il-bażi li fuqu jiġu kkalkulati u l-kundizzjonijiet sabiex jingħataw, jkunu identiċi. Min-naħa l-oħra, karatteristiċi li huma purament formali ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kriterji rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-benefiċċji (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 1983, Valentini, 171/82, Ġabra p. 2157, punt 13, u tat-18 ta' Lulju 2006, De Cuyper, C-406/04, Ġabra p. I-6947, punt 25).

22 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat jekk benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali għandux jitqies li huwa "benefiċċju ta' l-invalidità" jew "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) jew (g) tar-Regolament Nru 1408/71.

23 F'dak li jikkonċerna, l-ewwel nett, l-għan u l-iskop tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-AlVG, b'mod

partikolari mill-paragrafi 1 sa 3 tiegħu, kif ġie kkonstatat fis-sustanza mill-Avukat Ġenerali fil-punti 58 u 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, illi dan il-benefiċċju huwa intiż li jagħti lil applikant għal pensjoni tal-invalidità li m'għandux impjieg jew li ma jibbenefika minn ebda dħul, meta ċ-ċirkustanzi jippermettu li jiġi previst l-għoti ta' din il-pensjoni, mezzi finanzjarji sabiex ikun jista' jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu filwaqt li jistenna deċiżjoni definittiva fuq l-applikazzjoni tiegħu u, għalhekk, għal perijodu li fih ikun hemm stat ta' inċertezza dwar il-kapaċità ta' dan l-applikant, li jerġa' jiġi integrat fil-ħajja professjonali.

24 Kif il-gvern Ġermaniż kien indika fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali huwa intiż li jippermetti wkoll lil applikant ta' pensjoni tal-invalidità jibqa' fis-suq tax-xogħol matul dan il-perijodu ta' inċertezza sabiex jiġi evitat li aċċess sussegwenti jkunlu iktar diffiċli jekk l-applikazzjoni għal pensjoni tal-invalidità tiġi miċħuda.

25 Minn dan jirriżulta li, bħall-benefiċċju tal-qgħad, il-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li jingħata wkoll mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-qgħad, huwa essenzjalment iddestinat li jieħu post is-salarju li ntilef minħabba l-qgħad sabiex jgħin l-għixien tal-ħaddiem qiegħed (ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1992, Knoch, C-102/91, Ġabra p. I-4341, punti 44 u 45; Acciardi, iċċitata iktar 'il fuq, punti 16 u 17, kif ukoll tas-27 ta' Novembru 1997, Meints, C-57/96, Ġabra p. I-6689, punt 27). Jekk il-pensjoni tal-invalidità tiġi miċħuda, il-benefiċċju kontenzjuż huwa barra minn hekk, għat-tul u l-ammont mogħti, ikkunsidrat, skont l-Artikolu 23(7) tal-AlGV, bħala benefiċċju tal-qgħad.

26 Ċertament, l-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali huwa wkoll marbut ma' applikazzjoni għal pensjoni tal-invalidità u, fl-ipoteżi li din il-pensjoni għalhekk tingħata, l-awtoritajiet kompetenti dwar il-pensjoni tal-invalidità għandhom iħallsu lura l-ammonti mħallsa bħala l-imsemmi benefiċċju lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-qgħad.

27 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, kif irrileva l-gvern Awstrijak, jekk, sabiex jingħata l-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, id-dritt għal din il-pensjoni tal-invalidità għandu, skont l-Artikolu 23(2) tal-AlVG, ikollu natura probabbli, in-nuqqas

ta' impjieg imħallas għandu, min-naħa l-oħra, jiġi aċċertat, peress li s-sitwazzjoni tal-qgħad tikkostitwixxi kundizzjoni indispensabbli għall-għoti ta' dan il-benefiċċju.

28 Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li jekk il-benefiċjarju ta' dan il-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali jikseb impjieg imħallas, jitlef id-dritt għal dan il-benefiċċju. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li benefiċċju mogħti wara li jseħħ ir-riskju tat-telf tal-impjieg li ma jkunx iktar dovut minħabba li dik is-sitwazzjoni tispiċċa, minħabba l-fatt li l-persuna kkonċernata tkun qegħda twettaq attività bi ħlas, għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi benefiċċju tal-qgħad (sentenza De Cuyper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

29 Wara dan, f'dak li jikkonċerna l-bażi tal-kalkolu tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li l-ammont tiegħu huwa stabbilit, bis-saħħa tal-Artikolu 23(4) tal-AlVG, bl-istess mod tal-benefiċċju tal-qgħad. Ċertament, skont din id-dispożizzjoni, il-massimu tal-ammont ta' dan il-benefiċċju jitla' sal-ammont tal-pensjoni tal-invalidità mitluba. Madankollu, kif il-gvern Ġermaniż indika, dan il-massimu huwa intiż biss sabiex il-benefiċjarju ma jkunx obbligat iħallas lura dak li mhux dovut fl-ipoteżi fejn il-pensjoni tal-invalidità tingħata.

30 Fl-aħħar nett, f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-imsemmi benefiċċju, għandu jiġi kkonstatat li, apparti l-fatt li d-dispożizzjonijiet applikabbli għalihom huma previsti mil-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-qgħad u li dan il-benefiċċju jingħata mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-qgħad, l-applikant għal pensjoni tal-invalidità għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ftuħ tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad dwar it-tul tal-eliġibbiltà u n-nuqqas li jiġi eżawrit it-tul tas-servizz tal-benefiċċju.

31 Għalhekk, huwa aċċettat li, jekk id-dritt għall-benfiċċji tal-qgħad jiġi eżawrit waqt il-perijodu ta' ħlas tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, id-dritt għalih jieqaf minn dan il-mument minkejja n-nuqqas ta' deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni ta' pensjoni tal-invalidità.

32 J. Petersen u l-gvern Spanjol madankollu josservaw li, għall-għanjiet tal-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, mhuwiex rikjest, b'deroga tar-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ftuħ tad-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad, li l-applikant juri l-kapaċità u r-rieda li jaħdem lanqas li jkun disponibbli fis-suq tax-xogħol.

33 Madankollu, għalkemm huwa veru li dawn ir-rekwiżiti jistgħu jikkostitwixxu karatteristika importanti tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbilità għall-għoti tal-benefiċċji tal-qgħad (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Marzu 1982, Baccini, 79/81, Ġabra p. 1063, punti 15 u 16; Acciardi, iċċitata iktar 'il fuq, punti 16 u 17; tal-11 ta' Lulju 1996, Otte, C-25/95, Ġabra p. I-3745, punt 36, kif ukoll De Cuyper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27), l-eżenzjoni mill-obbligu li jiġu ssodisfatti dawn ir-rekwiżiti f'każ partikolari ma tistax, fiha nnifisha, taffettwa n-natura stess tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali.

34 Fil-fatt, f'din il-kawża, din l-eżenzjoni hija intiża biss sabiex tadegwa l-kundizzjonijiet ta' għoti ta' dan il-benefiċċju għas-sitwazzjoni ta' applikant għal pensjoni tal-invalidità fejn il-kapaċità tiegħu li jaħdem u d-disponibbiltà tiegħu huma preċiżament inċerti fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva f'dan ir-rigward (ara, b'analoġija, is-sentenza De Cuyper, punti 30 u 34).

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat illi jirriżulta kemm mill-għan kif ukoll mill-iskop tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali li l-bażi tiegħu ta' kalkolu u l-kundizzjonijiet tiegħu ta' għoti, minkejja l-fatt li huwa marbut ma' applikazzjoni għal pensjoni tal-invalidità, li dan il-benefiċċju huwa marbut direttament mar-riskju ta' qgħad imsemmi fl-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament Nru 1408/71.

36 Għalhekk, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda illi benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) ta r-Regolament Nru 1408/71.

Fuq it-tieni domanda

37 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tart-rinviju ssaqsi, fis-sustanza, jekk l-Artikolu 39 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament Nru 1408/71, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarji jkollhom ir-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali ta' dan l-Istat u li, għalhekk, ikun ipprojbit li dan il-benefiċċju jista' jiġi esportat fi Stat Membru ieħor.

38 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 — li jipprevedi, "barra fejn hu pprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament", it-tneħħija tal-klawżoli ta' residenza dwar il-benefiċċji li huma elenkati fih — isemmi espressament il-benefiċċji ta' invalidità, li għalhekk, fil-prinċipju, jistgħu jiġu esportati lejn Stat Membru ieħor (ara s-sentenza tal-4 ta' Novembru 1997, Snares, C-20/96, Ġabra p. I-6057, punt 40), ma jsemmix, bil-kontra, il-benefiċċji tal-qgħad. Din id-dispożizzjoni ma tipprekludix għaldaqstant leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-qgħad għal klawżola ta' residenza fit-territorju ta' dak l-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza De Cuyper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

39 F'dan ir-rigward, ir-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi, madankollu, żewġ sitwazzjonijiet li fihom l-Istat Membru kompetenti huwa obbligat jippermetti lill-benefiċjarji ta' benefiċċju tal-qgħad jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, mingħajr ma jitilfu d-drittijiet tagħhom għall-imsemmi benefiċċju. Minn naħa, dik prevista fl-Artikolu 69 ta' dan ir-regolament, li tippermetti lill-persuna qegħda li tmur fi Stat Membru ieħor mill-Istat Membru kompetenti "biex tfittex impjieg hemm" iżżomm d-dritt tagħha għal benefiċċju tal-qgħad. Min-naħa l-oħra, hemm is-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 71 tal-imsemmi regolament, li tikkonċerna l-persuni qegħda li, matul l-aħħar impjieg tagħhom, ikunu rrisjedew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mill-Istat kompetenti (sentenza De Cuyper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

40 Jirriżulta, madankollu, b'mod ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju li sitwazzjoni bħal dik ta' J. Petersen, u dan wara kollox mhux ikkontestat, ma taqa' taħt ebda minn dawn

l-artikoli u li, għalhekk, ir-Regolament Nru 1408/71 m'għandux dispożizzjonijiet li jirregolaw każijiet bħal dawk li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 1408/71 ma jorganizzax skema komuni ta' sigurtà soċjali, iżda jħalli jissussistu skemi nazzjonali distinti u għandu bħala għan biss li jassigura koordinazzjoni bejniethom (sentenzi tal-5 ta' Lulju 1988, Borowitz, 21/87, Ġabra p. 3715, punt 23, u tat-3 ta' April 2008, Chuck, C-331/06, Ġabra p. I-1957, punt 27).

42 Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'livell Komunitarju, jekk l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom fir-rigward tat-tmexxija tas-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali, għandhom minkejja dan, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, jirrispettaw id-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-trattat KE li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-ħaddiema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2000, Elsen, C-135/99, Ġabra p. I-10409, punt 33, u tas-7 ta' Lulju 2005, van Pommeren-Bourgondiën, C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 39).

43 Issa, skont ġurisprudenza kostanti, l-għan tal-Artikoli 39 KE sa 42 KE ma kienx jintlaħaq jekk, minħabba l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu, il-ħaddiema kellhom jitilfu l-vantaġġi ta' sigurtà soċjali li tassiguralhom il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, b'mod partikolari meta dawn il-vantaġġi jirrappreżentaw il-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li huma kienu ħallsu. Din il-konsegwenza tista', fil-fatt, tiskoraġġixxi lill-ħaddiem Komunitarju milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu u tikkostitwixxi għalhekk xkiel għal din il-libertà (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1991, Paraschi, C-349/87, Ġabra p. I-4501, punt 22; tat-8 ta' Marzu 2001, Jauch, C-215/99, Ġabra p. I-1901, punt 20, u Hosse, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24).

44 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li sostnew il-Gvern Awstrijak u dak Ġermaniż, għandu jiġi eżaminat jekk l-iskema applikabbli għal benefiċċju bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 KE.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li hija ġurisprudenza kostanti li l-kunċett ta' "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 39 tat-Trattat KE għandu portata Komunitarja u m'għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv. Għandha titqies li hija "ħaddiem" kull persuna li teżerċita xi attività reali u effettiva, barra l-attivitajiet daqshekk żgħar li jidhru li huma purament marġinali u aċċessorji. Il-karatteristika tar-relazzjoni ta' impjieg hija, skont l-imsemmija ġurisprudenza, iċ-ċirkustanza meta persuna teżegwixxi f'ċertu żmien, favur xi ħaddieħor u taħt id-direzzjoni tiegħu, xi xogħol in kunsiderazzjoni ta' remunerazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum, 66/85, Ġabra p. 2121, punti 16 u 17; tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani, C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 15, kif ukoll tas-17 ta' Marzu 2005, Kranemann, C-109/04, Ġabra p. I-2421, punt 12).

46 F'din il-kawża, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, qabel il-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali, J. Petersen kien jeżerċita attività b'salarju fi Stat Membru u li, għalhekk, kellu, f'dan iż-żmien, il-kwalità ta' "ħaddiem" fis-sens tal-Artikolu 39 KE. Issa, ċittadin ta' Stat Membru li, bħal J. Petersen, telaq mill-Istat tiegħu ta' oriġini sabiex jeżerċita attività b'salarju fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi kkunsidrat li għamel użu mid-dritt tiegħu ta' moviment liberu tal-ħaddiema previst fl-imsemmi Artikolu 39 KE.

47 Din il-konstatazzjoni mhijiex ikkontestata mill-fatt li, meta sar it-trasferiment ulterjuri tar-residenza tiegħu għall-Istat tiegħu ta' oriġini wara li l-awtoritajiet kompetenti kienu tawh id-dritt li jieħu l-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, J. Petersen kien f'sitwazzjoni ta' qgħad u applikant għal pensjoni tal-invalidità.

48 Fil-fatt, skont ġurisprudenza kostanti, ċerti drittijiet marbuta mal-kwalità ta' ħaddiem huwa ggarantiti għall-ħaddiema migranti anki jekk m'għadhomx imdaħħla f'relazzjoni ta' impjieg (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1988, Lair, 39/86, Ġabra p. 3161, punt 36; tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala, C-85/96, Ġabra p. I-2691, punt 32; tal-24 ta' Settembru 1998, Il-Kummissjoni vs Franza, C-35/97, Ġabra p. I-5325, punt 41; tas-6 ta' Novembru 2003, Ninni-Orasche, C-413/01, Ġabra p. I-13187, punt 34, u tat-23 ta' Marzu 2004, Collins, C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 27).

49 Dan huwa l-każ tal-benefiċċji li l-għoti tagħhom jiddependi mill-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg li ntemmet u li hija intrinsikament marbuta mal-kwalità oġġettiva ta' ħaddiem tal-benefiċjarji (ara s-sentenzi Meints, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, u tat-31 ta' Mejju 2001, Leclere u Deaconescu, C-43/99, Ġabra p. I-4265, punt 57).

50 Issa, f'sitwazzjoni kif inhi fil-kawża prinċipali, peress li l-benefiċċji in kwistjoni kienu ddestinati sabiex jagħtu dħul lil applikant għal pensjoni tal-invalidità f'sitwazzjoni ta' persuna qiegħda li teżerċita attività bis-salarju fl-Istat Membru kkonċernat, għandu jiġi kkonstatat li dan il-benefiċċju, meta jkun marbut, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, kemm mar-riskju ta' qgħad u kemm mal-invalidità, jirriżulta direttament minn relazzjoni ta' impjieg fis-sens tal-Artikolu 39 KE.

51 Isegwi li ċittadin ta' Stat Membru f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. Petersen għandu jitqies li huwa li jibqa' jżomm il-kwalità ta' "ħaddiem" fis-sens tal-Artikolu 39 KE għall-għanjiet tal-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni u, għalhekk, dan iċ-ċittadin jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

52 Għalhekk għandha tiġi eżaminata jekk kundizzjoni ta' residenza, bħal dik in kwistjoni imposta fuq l-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix xkiel għall-moviment liberu tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 39 KE.

53 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regola tat-trattament ugwali stabbilita fl-Artikolu 39(2) KE tipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjoni ċara, ibbażata fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll kull forma moħbija ta' diskriminazzjoni li, b'applikazzjoni ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, iwasslu għall-istess riżultat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Meints, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44; tat-18 ta' Lulju 2007, Hartmann, C-212/05, Ġabra p. I-6303, punt 29, u Geven, C-213/05, Ġabra p. I-6347, punt 18).

54 Sakemm mhijiex oġġettivament ġustifikata u proporzjonata mal-għan imfittex, dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali għandha titqies li hija indirettament diskriminatorja, meta hija tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar il-ħaddiema migranti miċ-ċittadini nazzjonali u li konsegwentement toħloq riskju li tqiegħed fi żvantaġġ iktar partikolarment lil tal-ewwel (sentenzi Meints, punt 44; Hartmann, punt 30, u Geven, punt 19 iċċitati iktar 'il fuq).

55 Dan huwa l-każ ta' kundizzjoni ta' residenza bħal dik li tissuġġetta l-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tista' tiġi sodisfatta iktar mill-ħaddiema li huwa tal-istess pajjiż minn dawk ta' Stati Membri oħrajn peress li huma fuq kollox dawn il-ħaddiema li, b'mod partikolari fil-każ ta' qgħad jew invaliditá, għandhom tendenza li jitilqu mill-pajjiż tal-impjieg tagħhom preċedenti u jerġgħu jmorru fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Paraschi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24, u tat-18 ta' April 2002, Duchon, C-290/00, Ġabra p. I-3567, punt 38).

56 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-gvern Awstrijak ma ppruvax jiddeskrivi l-għan segwit mill-kundizzjoni ta' residenza imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-għoti tal-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali u, għalhekk, ma ressaq l-iċken element sabiex jiġġustifika l-imsemmija kundizzjoni skont raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali protetti mill-Artikolu 39 KE.

57 Sabiex tingħata risposta sħiħa lill-qorti tar-rinviju, għandu madankollu jiġi ppreċiżat li, jekk riskju ta' dannu gravi għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali jista', b'mod partikolari, jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll, C-158/96, Ġabra p. I-1931, punt 41; u tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 43), huwa diffiċli li dan ir-riskju jiġi pprovat meta, kif irrileva fis-sustanza l-Avukat Ġenerali fil-punt 81 tal-konklużjonijiet tiegħu, billi ta l-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali lill-applikanti ta' pensjoni tal-invaliditá li, meta ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, jirrisjedu fit-territorju nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti wrew preċiżament il-kapaċità tagħhom li jifilħu l-piż ekonomiku fl-istennija tad-deċiżjoni definittiva f'dan ir-rigward.

58 Barra dan, għandu jiġi osservat li l-kundizzjoni ta' residenza kontenzjuża fil-kawża prinċipali tidher spoporzjonata, meta hija imposta fir-rigward ta' benefiċċju tassigurtà soċjali li, bħal dak fil-kawża prinċipali, jista' jingħata lill-applikanti ta' pensjoni għal perijodu li ma jaqbiżx, fil-medja, skont il-gvern Awstrijak, tlieta sa erba' xhur, li matulhom, fl-istennija ta' deċiżjoni definittiva dwar l-għoti ta' din il-pensjoni, mhuwiex rikjest li jkollhom il-kapaċità li jaħdmu lanqas li jkunu disponibbli fuq il-post tax-xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Collins, iċċitata iktar 'il fuq, punti 68 u 69).

59 Issa, jekk, fi tmiem dan il-perijodu ta' stennija, il-pensjoni tal-invalidità tingħata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, li għandhom inaqqsu l-ammonti mħallsa bħala l-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, ikunu, fi kwalunke każ, obbligati, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71, iħallsu l-imsemmija pensjoni, minkejja t-trasferiment tar-residenza tal-benefiċjarju lejn Stat Membru ieħor.

60 Min-naħa l-oħra, jekk, fi tmiem dan il-perijodu, il-pensjoni ta' invalidità tiġi rrifjutata, f'liema każ il-benefiċċju in kwistjoni għandu jiġi inkluż, f'dak li jirrigwarda l-ammont tiegħu u t-tul ta' żmien tiegħu, mad-dritt ta' benefiċċji tal-qgħad, l-awtoritajiet kompetenti tal-imsemmi Stat Membru ma jkunux iktar obbligati li jħallsu dawn il-benefiċċji lill-imsemmi benefiċjarju, sakemm dan ma jkunx wera li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 1408/71 sabiex ikollu dritt li jżomm il-benefiċċju kemm bħala ħaddiem li qed ifittex ix-xogħol fi Stat Membru ieħor, ħaġa li timplika li għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha rikjesti mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru ta' oriġini sabiex ikollu dritt għall-benefiċċji tal-qgħad.

61 Barra minn hekk, il-kundizzjoni ta' residenza in kwistjoni fil-kawża prinċipali tidher ukoll spoporzjonata, meta jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, matul il-perijodu ta' stennija għad-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni għall-pensjoni tal-invalidità, l-applikanti għall-benefiċċju in kwistjoni fil-kawża prinċipali, bħall-persuni qegħda li qed ifittxu impjieg fi Stat Membru ieħor li jaqgħu taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 1408/71 (sentenza tal-20 ta' Marzu 1979, Coccioli, 139/78, Ġabra p. 991, punt 7), ma huma suġġetti għal ebda kontroll mill-Uffiċċju tal-Impjieg tal-Istat Membru kkonċernat, peress illi huma eżentati milli jkollhom jissodisfaw l-obbligi ta' kapaċità għax-xogħol u tar-rieda li jaħdmu kif ukoll ta' disponibbilità fis-suq tax-xogħol.

62 Fi kwalunkwe każ, ukoll jekk dawn il-kontrolli huma previsti, għandu wkoll jiġi verifikat jekk mhuwiex biżżejjed li l-benefiċjarju jintalab imur fl-Istat Membru kkonċernat sabiex jissottometti ruħu għal dawn il-kontrolli, jekk ikun il-każ, taħt piena ta' sospensjoni tal-ħlas ta' dan il-benefiċċju fil-każ li l-benefiċjarju jirrifjuta li jagħmel dan mingħajr raġuni xierqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, Nerkowska, C-499/06, Ġabra p. I-553, punt 45).

63 Jirriżulta minn dak li ntqal s'issa li, rigward l-għoti ta' benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn il-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja m'għandu ebda element li jiġġustifika oġġettivament kundizzjoni ta' residenza, dan għandu jiġi kkunsidrat inkompatibbli mal-Artikolu 39 KE.

64 Għalhekk għandha tingħata risposta lit-tieni domanda li l-Artikolu 39 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru, sa fejn ma jkun ressaq l-ebda prova li tista' turi li din il-kundizzjoni hija oġġettivament ġustifikata u proporzjonata, jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament Nru 1408/71, għall-kundizzjoni li l-benefiċjarji jkollhom ir-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali ta' dan l-Istat.

Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996.**

2) **L-Artikolu 39 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru, sa fejn ma jkun ressaq l-ebda prova li tista' turi li din il-kundizzjoni hija oġġettivament ġustifikata u proporzjonata, jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu jitqies li huwa "benefiċċju tal-qgħad" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament Nru 1408/71, għall-kundizzjoni li l-benefiċjarji jkollhom ir-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali ta' dan l-Istat.**

Firem